# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **4** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 24 ta' Awissu 2009 fit-7.00p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri |
| | Is-Sinjura Carmen Fearne |
| | Is-Sur Lawrence Ciantar |
| | Is-Sur George Farrugia |
| | Is-Sur Jesmond Mugliett |
| | Is-Sur Daniel Spiteri |
| | Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |

## Aġenda

1. **Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.**
2. **Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.**
3. **Accounts għal 3 xhur li jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2009.**
4. **Mistoqsijiet.**
5. **Approvazzjoni ta' ħruġ ta' Tenders.**
6. **Ħatra ta' Sotto Kumitati.**
7. **Mozzjonijiet.**
8. **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.**
9. **Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.**
10. **Aġġornament**


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

**1.0** *Qari u approvazzjoni tal-Minuti:*

1.1 **Laqgħa Nru. 3 tal-4 ta' Awissu, 2009:**

1.1.1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Ġie indikat li t-tabella ta' Triq is-Sallur, biex tikser fuq ix-xellug, għandha tiġi rranġata biex tkun konformi u l-ħin għandu jkun mis-7.00 pm. sas-7.00 am fil-weekends biss.

1.1.3 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Joe Borg, ic-Chief Executive tal-wardens fejn is-Sindku qallu li mhux ħaġa li qed inħallsu għall-preżenza tal-wardens pajżana u fl-istess ħin mhux qed issir ċitazzjoni waħda. Għaldaqstant din is-sorveljanza ġiet sospiża temporanjament sakemm issir laqgħa oħra mas-Sur Joe Borg.

- Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka li hu tal-fehma li l-wardens għandhom ikunu bl-uniformi mhux pajżana.

1.1.4 Il-Kunsill approva unanimament li t-tielet paragrafu ta' para. 4.1, intitolat skola primarja, jiġi ingassat kompletament.

1.1.5 Rigward para 4.3, is-Sindku rrimarka li ż-żjara fis-Slovakja kienet tajba ħafna u se jgħaddi r-rapport dwar iż-żjara fi żmien qasir.

1.1.6 Il-Viċi Sindku, s-Sur Charlot Mifsud nforma l-Kunsill li l-ħarġa għall-Għawdex saret kif kienet ippjanata.

1.1.7 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri ħareġ fis-7.45 p.m.***

***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti***.

**2.0** *Mistoqsijiet*

**Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#001- 18/08/09):**

*"Jistaqsi, jekk jiġri xi nċident f'xi waħda mill-playing fields tal-lokal minn hu responsabbli għal konsegwenzi? Il-Kunsill għandu f'idejh dokument li jiċertifika l-park?"*

***Risposta :-*** Il-Kunsill hu assigurat għal xi inċidenti li jistgħu jinqalu u qabel ma saret l-assigurazzjoni nkariganjna surveyor biex jagħmel rapport fuq is-sigurta tal-bandli. Ir-rapport ġie mgħoddi lill-assigurazzjoni u wara ħarġu l-polza tas-sigurta.

**Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#002- 18/08/09):**

*"Jistaqsi, jekk il-Kunsill Lokali ġiex ikkonsultat dwar il-proġett ta' caravan site fil-lokalita` ta' Marsaskala (PA 00707/09)?".*

***Risposta :-*** Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ġie ikkonsultat dwar il-proġett ta' *caravan site* fil-lokalita.

- ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti.***

**3.0** ***Mozzjonijiet***

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Jesmond Mugliett(#041-29/07/09):**

*"Jipproponi li l-Kunsilliera kollha jingħataw lista bl-affarijiet pendenti li l-Kunsill għandu mal-ADT, bħal per eżempju parking bases, sinjali tat-traffiku u affarijiet oħra pendenti. Kif ukoll, li ningħataw lista ta' affarijiet li għandna pending mall-MEPA, bħal bini ta' ħitan, u jekk għandna xi affarijiet pendenti ma' Dipartimenti u entitajiet oħrajn. B'hekk, speċjalment il-Kunsilliera l-ġodda, jkunu jafu bix-xogħol li hemm pendenti.*

Il-Kunsill approva unanimament u l-Kunsill iddeċieda li xi rikjesti żagħar jsiru jekk l-ADT jibqgħu ma jtuniex risposta.

**3.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#042- 30/07/09):**

*"Jipproponi sabiex fejn ser issir il-lejla aggrarja fi Ġnien Sant' Anna fl-okkażjoni ta` Ġimgħa Kulturali inkonnessjoni mal-attivitajiet ta` Jum Marsaskala, jingħata` **white washing** minn fejn il-kamra tal-klabb tal-boċċi sa fejn it-taraġ li jatgħi fi Triq Dun Frans Bianco, faċċata tal-bieb prinċipali tal-Knisja".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax ix-xogħol lest.

**3.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#043- 30/07/09):**

*"Jipproponi sabiex jingħaddu l-bus shelters fil-lokal u jinxtraw tip ta' paper bins għalihom biex jitpoġġew ħdejhom għall-użu tal-passiġieri".*

Ġie approvat unanimament li jitwaħħal bin mal-10 *bus shelters*. Il-Kunsilliera, is-Sur Jesmond Mugliett u s-Sinjura Carmen Fearne huma nkarigati.

**3.3** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett(#044- 30/07/09):**

*"Jipproponi li tintbgħat ittra f'kull residenza f'Marsaskala fejn ninfurmaw lir-residenti bil-ħinijiet li fihom ħa jkun qed isir il-ġbir ta' skart domestiku bieb bieb. Nipproponi li l-ħin tal-ġbir ikun mit-Tnejn sal-Ġimgħa inklużi festi pubbliċi bejn 7am u 11am u s-Sibt bejn 8am u 12pm. L-iskart għandu jinħareġ mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7am u s-Sibt fit-8am u mhux aktar kmieni minn siegħa qabel. Fl-ittra għandna nitolbu għall-kooperazzjoni tar-residenti biex iżommu ma' dawn il-ħinijiet u ma jinħareġ l-ebda skart wara l-ħinijiet imsemmija u ma jsir l-ebda rimi ta' skart fejn skips, bins jew f'postijiet oħra."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**3.4** **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku –is-Sur Charlot Mifsud(#047- 11/07/09):**

*"Jipproponi sabiex wieħed mill-parking bases ta' quddiem il-Bank of Valleta fi Pjazza Dun Tarċis Aguis jsir għal persuni bi bżonnijiet speċjali għall waqt il-ftuħ tal-bank."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.5** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –s-Sur Mario Calleja(#048- 12/08/09):**

*"Nipproponi sabiex issir inspection box tad-drenaġġ quddiem garaxx li jgħamel parti mill-klinika ta' Dr.Teebi, li tinsab fi Triq Sant'Anna. Qiegħed ngħid dan għaliex meta saret l-bankina snin ilu din l-inspection box intradmet u qatt ma reġgħet saret u b'hekk dan l-istess garaxx qiegħed mingħajr faċilitajiet sanitarji."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.6** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Daniel Spiteri(#049- 13/08/09):**

*"Jipproponi sabiex jitiegħdu mirja tat-traffiku fil-kantunieri ta' Triq il-Miklem Malti ma' Triq in-Nadur, Triq il-Kavallieri ma' Triq in-Nadur, Triq il-Granmastri ma Triq in-Nadur, u f'tarf Triq in-Nadur kantuniera ma' Triq il-Gardiel."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.7** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Daniel Spiteri (#050- 13/08/09):**

*"Jipproponi sabiex biex tissewwa kanna ta' l-ilma fi Triq Patri Wistin Born li ilha minn Lulju b'l-ilma ħiereġ minnha. Din il-kanna diġa ġew darb'oħra tal-Water Services biex jirranġawha, u r-residenti għamlu nofs ta' nhar bla ilma."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax ix-xogħol diġa sar.

**3.8** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#052- 14/08/09):**

*"Jipproponi sabiex issir bankina fi Triq ir-Rand tmiss mal-ġibjun."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.9** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#053- 14/08/09):**

"*Jipproponi sabiex issir tiswija ta' ħajt fi Triq Żonqor li jgħati għall-baħar*."

Ġie approvat li niktbu lil *Works Department.*

**3.10** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#054- 17/08/09):**

*"Jipproponi sabiex kuntrattur ma jkollux aktar min kuntratt wieħed fl-istess perjodu."*

*Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni:*

| | FAVUR | KONTRA |
|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | √ | |
| Il-Kunsillier Charlot Mifsud | | √ |
| Il-Kunsillier Carmen Fearne | √ | |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | √ | |
| Il-Kunsillier George Farrugia | √ | |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri | √ | |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | Mhux preżenti | |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | √ | |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett | √ | |

Il-mozzjoni għaddiet b'7 favur u 1 kontra

**3.11** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#055- 17/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex isiru cctv control cameras waħda fi ġnien Sant’Anna oħra lejn Triq ix-Xatt (summer nights) , oħra Pjazza Dun Tarċis Agius (ħdejn Tiffany’s) sabiex fejn nistgħu nnaqsu kull abbu□fil-lokalita` tagħna.”*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

- ***Il-Kunsill approva unanimament li r-rock concert fil-ponta ta’ Zonqor jiġi kkanċellat għax m’hemmx pubbliċita bi□ejjed.***

**3.12** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#056- 17/08/09):</u>**

*“Jipproponi li bħala Kunsill Lokali inkellmu lil kuntrattur tal-Parks and Gardens u Soft Areas għaliex mhux qed jimxi skond il-kuntratt li kien iffirma mal-Kunsill.”*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.13** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku –s-Sur Charlot Mifsud(#057- 14/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex jitqassru l-yellow lines tal-kantuinieri u jsiru parking bases kull naħa fi Triq il-Gross k/m Triq Habberxa u k/m Triq il-Friefet, u fejn it-triq ma tinfidx, jiġifieri Triq il-Gross k/m Triq il-Friefet ma jsirux yellow lines ħalli jkunu jistgħu jipparkjaw.”*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.14** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#058- 17/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex isiru uniformijiet kemm tas-sajf kif ukoll tax-xitwa lill-ħaddiema tal-IPSL.”*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.15** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#059- 18/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex jitwaħħlu tabelli ħalli tfal taħt l-eta` jattendu fil-playing field ma’ persuna adulta (fejn m’hemmx tabella)”.*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.16** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#060- 18/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex titwaħħal tabella bl-isem Triq ir-Riġnu (taċ-ċaqquf) kif hemm f’toroq oħra”.*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.17** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#061- 18/08/09):</u>**

*“Jipproponi sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-applikazzjoni mal-MEPA PA 00707/09 dwar caravan site fi Triq il-Blajjiet”.*

Ġie approvat li nitolbu appuntament mal-*Works Division* dwar il-Caravan Site.

**4.0 Approvazzjoni tal-Accounts għat-tlett xhur li jgħalqu fit-30 ta' Ġunju 2009**

4.1 Il-Kunsill approva unanimament biex nistiednu n-nies li attendew għall-Laqgħa Pubblika biex jattendu għall-laqgħa oħra li ssir fil-Kunsill biex issir kjarifika fuq l-accounts tal-Kunsill li waqt il-laqgħa kellhom xi misprint.

4.2 Is-Sur Adrian Sciberras ġie mitlub jispjega l-kontijiet għat-tlett xhur li jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2009. Huwa spjega l-kontijiet kollha u rrisponda għall-mistoqsijiet li sarulu.

4.3 Il-Kunsillier Lawrence Ciantar talab li l-accounts għandhom ikunu aktar dettaljati. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li jiġu preżentati l-accounts kif jiġu preżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

- ***Intalbu sospensjoni tar-regolamenti***

**5.0 *Kwotazzjoni għat-tindif tal-Culverts***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' kuntratturi li sottomettew kwotazzjonijiet għat-tindif tal-*Culverts* tal-lokal.

Dawn kienu:

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **General Ecological Services** | **€ 1,979.97** |
| **2.** | **Cleansing Services Department** | **€ 5,451.60** |
| **3.** | **Philip Seguna** | **€ 4,495.00** |

Il-Kunsill unanimament approva li jintgħażel il-**General Ecological Services** għax għandu l-aktar offerta vantaġġuża.

- ***Intalbu sospensjoni tar-regolamenti***

**6.0 *Ħlasijiet***

6.1 ***Ħlasijiet b'urġenza***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | | | 30.00 |
| 2. | **Maltapost plc.** | Stamps | | | 95.00 |
| 3. | **Foundation Gal Xlokk** | Partecipation Fee | | | 100.00 |
| 4. | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Laqgha ghall-Kunsilliera | | | 200.00 |

Il-Kunsill approva unanimament

6.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Grezzju Azzopardi** | Florist | 28/7/09 | 5989 | 60.00 |
| 2. | **Grezzju Azzopardi** | Florist | 18/5/09 | 5963 | 45.00 |
| 3. | **Midas** | Mobile Cards | 10/8/09 | 2924950 | 200.00 |
| 4. | **Midas** | Mobile Cards | 18/08/09 | 2924948 | 125.00 |
| 5. | **Midas** | Mobile Cards | 19/08/09 | 482295 | 50.00 |
| 6. | **Anglu Grech** | Bricks, Cement, High up | 3/8/09 | 1854 | 352.34 |
| 7. | **Seashells** | Lunch on 18/08/09 | 18/08/09 | 4726195 | 540.00 |
| 8. | **Di Rocco Ltd** | Grey Crates | 17/08/09 | 45690 | 151.50 |
| 9. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 11/08/09 | 11313 | 153.82 |
| 10. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 14/07/09 | 11304 | 137.15 |
| 11. | **Garden of Eden** | Transport | 31/07/09 | 02,108 | 103.84 |
| 12. | **Garden of Eden** | Transport 18/08/09 | 19/08/09 | 44 | 151.04 |
| 13. | **Kumitat Kunsilli Lokali** | Local Wardens | 06/08/09 | JC-004/MSA | 4,805.53 |
| 14. | **Union Print** | Advert | 31/07/09 | AI000885 | 82.69 |
| 15. | **Alka Ceramics** | Street Plates | 06/08/09 | 416 | 288.69 |
| 16. | **Med Design** | Professional Fee | 06/08/09 | 30002731 | 74.95 |
| 17. | **Anton Zarb** | Benches | 10/08/09 | AZ 108-09 | 967.60 |
| 18. | **Accountant, Cleansing Services Department** | Public Convenience | 4/08/09 | MLC/09/70345 | 655.15 |
| 19. | **Accountant, Cleansing Services Department** | Public Convenience – Extra Service | 6/08/09 | ES/09/2009345 | 389.40 |
| 20. | **Go** | Telephone Bill 21637744 | 05/08/09 | 22352105 | 1.88 |
| 21. | **Go** | Telephone Bill 21632861-21633887-21637171 | 05/08/09 | 22352103 | 193.07 |
| 22. | **Advanced Telecommunications** | UPS | 06/08/09 | 40351 | 53.10 |
| 23. | **Veritas Press** | 200 Brouchers 'Lejla Muziko Letterarja' | 22/05/09 | 17356 | 505.05 |
| 24. | **Data Protection Commissioner** | Annual Fee – Data Protection Act | 3/07/09 | 2374 | 23.29 |
| 25. | **Allied Newspapers** | Advert | 12/7/09 | AS134946 | 150.16 |
| 26. | **Water Services Corp** | Playing Field – Misrah Mifsud Bonnici | 23/07/09 | 11131983-6 | 528.07 |
| 27. | **Water Services Corp** | Public Toilet – Zonqor Point | 23/07/09 | 11131257-5 | 183.94 |
| 28. | **Water Services Corp** | Public Garden – Triq is-Salvja | 23/07/09 | 11132038-2 | 113.78 |
| 29. | **Water Services Corp** | Public Garden – Triq is-Salvja | 23/07/09 | 11132037-4 | 61.25 |
| 30. | **Water Services Corp** | Fountain Water Pump | 23/07/09 | 11132082-9 | 421.33 |
| 31. | **WasteServ Malta Ltd** | Hiring of Bins | 14/08/09 | 52668 | 296.59 |
| 32. | **IT & T Ltd** | ADSL | 18/08/09 | 16850 | 27.48 |
| 33. | **Melita Cable** | Cable TV | 31/07/09 | 27326903 | 15.52 |
| 34. ◆ | **Nexos Lighting** | Street Lighting | 17/08/09 | 2008463 | 323.01 |
| 35. | **Vodafone Malta Ltd.** | Internet Service | 01/08/09 | 165244082009 | 23.97 |
| 36. | **BT Commercial Ltd.** | Air Conditioners | 12/08/09 | 27644 | 900.00 |
| 37. | **Media Link** | Advert | 31/07/09 | 041941 | 203.91 |
| 38. | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse | 30/09/07 | 33 | 1,368.05 |
| 39. | **Golden Gate** | Stationery | 18/08/09 | 331576 | 85.43 |
| 40. | **Golden Gate** | Stationery | 13/08/09 | 331511 | 37.04 |
| 41. | **Mr.Charlot Mifsud** | Fuel Expenses | | | 29.12 |

Il-Kunsill approva unanimament il-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq.

**7.0** **<u>Aġġornament</u>**

*Fl-10.00 pm. il-laqgħa ġiet aġġornata biex titkompla nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru 2009, fis-7.00pm.*

______________________

***Joseph Caruana***
Segretarju Eżekuttiv

______________________

***Mario Calleja***
Sindku

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru : **4** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Hamis 24 ta' Settembru 2009 fit-7.00p.m.**

# It-Tieni Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |
| **Skuzat** | Is-Sur George Farrugia |

## Aġenda

5. **Aġġudikazzjoni ta' Tenders.**
6. **Hatra ta' Sotto Kumitati**
9. **Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.**

Addenda

1. **Awtorizzazjoni tal-Ħlasijiet**
2. **Mozzjonijiet.**
3. **Aġġornament**

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

**1.0** *Aġġudikazzjoni ta Tenders/Quotations*

**1.1** **Kwotazzjoni : Emergency Refuse Collection (MLC 13/09)**

Il-Kunsill ġie preżentat bl-unika kwotazzjon ta' *R&A Waste Services Ltd.* L-ammont tal-Kwotazzjoni kien ta' **€ 451** kull jum għax-xahar ta' Settembru u **€ 378** kull jum għax–xahar ta' Ottubru.

Għaldaqstant il-Kunsill aġġudika li din il-kwotazzjoni tiġi aġġudikata a favur *R&A Waste Services Ltd*. u għandu jingħata *notice* ta' għaxart ijiem (10) qabel ma jintalab iwaqqaf is-Servizz.

**1.2** ***Tender : Parks & Gardens & Soft Areas (KLM 2009/02)***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' Tenders għall-kuntratt tal-*Parks & Gardens*.

Dawn kienu:

| *Kuntrattur* | *Ammont* |
|---|---|
| **1. ELC** | **€ 19,500.00** |
| **2. C.Bezzina** | **€ 58,234.33** |

Wara konsiderazzjoni ġie deċiż li t-tender tingħata lill-*ELC* għax hija l-irħas tender.

**1.3** ***Tender :Bulky Refuse (KLM 2009/03)***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' tenders għall-kuntratt tal-*Bulky Refuse.*

Dawn kienu:

| *Kuntrattur* | *Ammont* | |
|---|---|---|
| **1. M.Magro** | **€ 3.38** | Kull servizz |
| **2. Ronald Bezzina** | **€ 4.50** | Kull servizz |
| **3. John Micallef** | **€ 3.25** | Kull servizz |
| **4. Larry Pullicino** | **€ 3.39** | Kull servizz |

Is-Sindku qal li s-Sur Ronald Bezzina hu l-kuntrattur li qed jagħtina s-servizz tal-*Bulky Refuse* fil-mument. Hu qal li qatt ma kellna xi lment wieħed fl-għoti ta' dan is-servizz u għaldaqstant hu jirrikmanda li t-tender tiġi mogħotija lis-Sur Ronald Bezzina minkejja li hemm differenza ta' € 1.50 kull kollezzjoni meta mqabbel ma l-irħas wieħed.

Is-Sindku qal lill-kunsilliera preżenti li issa navżaw lill-iskrivani u l-Kuntrattur biex f'każ li jkun hemm sejħa għall-(eżempju) television, u sejħa oħra għall-żewġ siġġijiet, dawn jiġu kkunsidrati kollezjoni waħda għax jgħamlu tlett oġġetti.

Is-Segretarju Eżekuttiv indika li fit-Tender hemm miktub li kull kollezzjoni m'għandiex tkun aktar minn erba' metri kubi.

Il-Kunsill approva li t-tender tal-Bulky Refuse tiġi aġġudikata favur is-Sur Ronald Bezzina.

➢ ***Is-Sur Charlot Mifsud daħal fis-7.20 pm.***

1.4 ***Tender : Maintenance of Traffic Signs and Road Markings (KLM 2009/04)***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' tenders għall-Kuntratt ta' *Maintenance of Traffic Signs and Road Markings*

Dawn kienu:

1. **Is-Sur Louis Zammit għall-Koptasin**
2. **B.Grima & Sons**

Peress li kien hemm prezzijiet varji l-Kunsilliera ikkunsidraw il-prezzijiet għal kull biċċa xogħol u aġġudikaw li t-tender għandha tingħata lis-Sur Louis Zammit għall-Koptasin, peress li kellu l-irħas prezzijiet.

1.5 ***Tender : Design & Printing of Council's Magazine (KLM 2009/05)***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' Tenders għall-kuntratt ta' *Design & Printing of Council's Magazine.*

Dawn kienu:

| *Kuntrattur* | | *Ammont* |
|---|---|---|
| **1. Union Print Co.Ltd.** | | **€ 2094.75** |
| **2. Veritas Press** | | **€ 2541.00** |
| **3. Norbert Cordina** | **i** | **€1705 (First 1000) + VAT**<br>**€350 (for 1000 run) + VAT** |
| | **ii** | **€1060 (First 1000) + VAT**<br>**€285 (For 1000 run) + VAT** |

Wara konsiderazzjoni ġie deċiż li t-Tender tingħata lill *Union Print Co. Ltd.* għax hija l-irħas tender.

1.6 ***Quotations: Uniforms (MLC 14/2009)***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' ndividwi li preżentaw kwotazzjoni għall-uniformijiet tal-iskrivani.

Dawn kienu:

| *Kuntrattur* | | *Ammont* |
|---|---|---|
| **1. Monika Mifsud** | **1 blazer and 1 suit** | **€ 179 .36** |
| **2. Jon David** | **1 blazer and 1 suit** | **€ 160.33** |
| **3. ID Malta** | **1 blazer and 1 suit** | **€ 144.40** |

Wara konsiderazzjoni ġie deċiż li x-xogħol jingħata lill-*ID Malta* għax għandu l-prezz vantaġġuż.

Il-Kunsill approva li għall-mument jixtraw żewġ settijiet lil Lucille Bonnici u żewġ settijiet lil Sharon Schembri.

**2.0** ***Ħatra ta’ Sotto Kumitati***

Il-Kunsilliera ġew mistiedna biex jipproponu persuni għas-Sotto Kumitati tal-Kunsill.

Is-Sotto Kumitati huma dawn:

***Sotto Kumitat għall-Amministrazzjoni***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Ernest Balzan, is-Sur Albert Spiteri, is-Sinjura Carmen Sant u s-Sur Freddy Busuttil.

***Sotto Kumitat għall-Finanzi***

Is-Sur Mario Calleja, s-Sur Francis Cilia, is-Sur Brian Tonna, is-Sinjura Mandy Pellicano.

***Sotto Kumitat għall-Infrastruttura u Tisbieħ***

Is-Sur Mario Calleja, s-Sur Mario Sestito, is-Sur Philip Fenech, is-Sur Lorry Briffa.

***Sotto Kumitat għall-Proġetti Kapitali***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur John Schembri, is-Sur Max Castagna.

***Sotto Kumitat għall-Ordni Pubblika***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Mario Camenzuli, is-Sur Lorry Bordieri, is-Sur Francis Debattista.

***Sotto Kumitat għall-Self Employed***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Charles Ciantar, is-Sur Silvio Bonnici, is-Sur Alan Vella.

***Sotto Kumitat għall-Relazzjonijiet mal-Għaqdiet u Soċjetajiet Lokali***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sinjura Doris Vella, is-Sinjura Marthese Farrugia, is-Sur Freddy Agius.

***Sotto Kumitat għall-Attiviajiet Soċjali***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Joe Salerno, is-Sur Joe Morales, is-Sur David Agius, is-Sinjura Rose Anastasi, is-Sinjura Angela Borg, is-Sinjura Marcelle Agius, is-Sinjura Mary Spiteri.

***Sotto Kumitat għall-Affarijiet Rurali u Bidla fil-Klima.***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Joe Buhagiar, is-Sur Mike Attard, is-Sur David Coleiro, is-Sur Henry Grima.

***Sotto Kumitat għar-Residenti Barranin li issetiljaw ġewwa Marsacala***

Is-Sur Mario Calleja, is-Sur Louis Busuttil, is-Sinjura Deborah Ratcliff.

***Sotto Kumitat għall-Konsulenza fuq tisbieħ ta’ Ġnien Sant’Anna u x-Xatt.***

Is-Sur Mario Calleja, it-Tabib Josie Muscat.

***Sotto Kumitat għall-Anzjani***

Is-Sur Charlot Mifsud**,** Is-Sur Lory Formosa, is-Sur Frank Cilia, is-Sinjura Carmen Debono, is-Sur Godwin Cini, u s-Sur Capello.

***Sotto Kumitat għall-Kultura***

Is-Sinjura Carmen Fearne, is-Sur Alfred Debono, is-Sur Joe Chetcuti u s-Sur John Schembri.

***Sotto Kumitat għall-Edukazzjoni***

Is-Sinjura Carmen Fearne, is-Sinjura Josephine Chetcuti, is-Sur David Caruana, is-Sinjura Dorothy Meli.

***Sotto Kumitat għall-Familja***

Is-Sinjura Carmen Fearne, is-Sur Vince Tonna, is-Sinjuri Charles u Carmen Tonna u s-Sinjuri Manuel u Doreen Scicluna.

***Sotto Kumitat Wirt Storiku***

Is-Sur John B. Camilleri,Is-Sur Neville Ebejer, is-Sur Malcom Schembri u s-Sur Joseph Mercieca.

***Sotto Kumitat Maritimu***

Is-Sur Sandro Gatt, Is-Sur Reno Gatt, is-Sur Jurgen Cassar u s-Sur Carmel Grech.

***Sotto Kumitat għall-Ġemelaġġi***

Is-Sur Sandro Gatt, Is-Sur Sandro Chetcuti, Is-Sur Jesmond Abela, is-Sur Denis Vella.

***Sotto Kumitat Indafa Pubblika***

Is-Sur Jesmond Mugliett, Is-Sur Ivan Bezzina, s-Sur Robert Camilleri u s-Sur Henry Grima.

***Sotto Kumitat Trasport Pubbliku***

Is-Sur Jesmond Mugliett, Is-Sur Simon Sciberras, is-Sur Jurgen Cassar, is-Sur Ivan Bezzina.

**3.0** ***Korrispondenza***

3.1 ***Għaqda tal-ħwienet ta Wied il-Għajn (35/2868/09)***

3.1.1 Wara talba tal-Assoċjazzjoni tal-ħwienet ta’ Wied il-Għajn biex jiltaqa` mal-Kunsill ġie deċiż li l-Kunsilliera li se jieħdu sehem f’din il-laqgħa huma s-Sindku s-Sur Mario Calleja, l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne u s-Sur John Baptist Camilleri.

3.1.2 L-aġenda tal-laqgħa se tkun dwar il-Ġnien Sant’Anna.

**3.2** ***Sotto Kumitat Edukazzjoni (35/2771/09)***

3.2.1 Il-Kunsill approva wara suġġeriment tas-Sotto Kumitat tal-Edukazzjoni li jsiru tentattivi biex jinstab sponsor biex jipprovdi *mobile library*.

3.2.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat 'l-Kunsill li se jibda l-*book café* li tikkonsisti li jkun hemm kotba għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-*bars u r-restaurants* tal-lokal. Il-kotba se jiġu provduti b'xejn mill-Kunsillier, s-Sinjura Carmen Fearne u jista' jkun il-każ fejn il-kotba ma jiġux irritornati.

- ***Il-Kunsilliera approvaw li t-tabelli li hemm max-xatt biex ma jsirux B.B.Q. jinqalgħu u jiġu merfugħa fil-garaxx tal-Kunsill.***

**3.3** ***Swimming Zones (35/2830/09)***

3.3.1 Is-Sur Silvio Agius mill-Malta Maritime Authority informa l-Kunsill li minkejja t-tibdil fis-*Swimming Zones*, l-area baqet l-istess bħal qabel.

3.3.2 Il-Kunsill ma qabilx mas-Sur Silvio Agius u l-kunsillier s-Sur Sandro Gatt ħa l-inkarigu li jikkuntatja lis-Sur Silvio Agius dwar dan is-suġġett.

3.3.3 Ma dan kollu l-Kunsill qabel li l-bajja ta' San Tumas ġiet aħjar minn qabel.

**3.4** ***Għarar fi Triq l-Aħmar (35/2748/09)***

3.4.1 Is-Sinjura C.Zahra lmentat li meta jkun hemm l-għarar fi Triq l-Aħmar l-ilma jibqa nieżel fi Triq Kanella għal ġol-garaxx tagħha u għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex jirrimedja.

3.4.2 Il-Kunsill approva unanimament biex nitolbu l-Perit tal-Kunsill biex jagħmel rapport lid-Dipartiment tal-Gvern: *Storm Water Department*

**3.5** ***Trasport tal-Iskola Primarja (35/2759/09)***

Il-Kunsill approva li ssir laqgħa mas-Surmast tal-iskola primarja u għall-Kunsill jattendu s-Sindku u l-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne biex tiġi diskussa l-problema bl-għan finali li tinstab soluzzjoni u wara jiġu nfurmati l-kunsilliera kollha.

**3.6** ***Caravan Site fil-lokal (35/3410/09) (35/3442/09)***

3.6.1 Is-Sur James Debono tal-Malta Today għamel mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni lill-MEPA dwar Caravan Site.

3.6.2 Il-Kunsill approva unanimament li jingħata risposta kif preżentata mis-Sindku.

3.6.3 Il-Kunsill approva wkoll li nibgħatu lill-MEPA biex tagħtina risposta u d-direttur ġenerali tax-xogħolijiet pubbliċi biex jgħatina risposta tal-ittra datata 28-8-09.

**3.7** ***Skema Fondi Speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali(35/3295/09)***

3.7.1 Bħal ma ġew nfurmati l-Kunsilliera kollha, l-Kunsill ġie mogħti € 25000 bħala pagament taħt l-iskema tal-fondi speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali.

3.7.2 Il-Kunsill approva li toħroġ tender biex jinxtraw bins għall-iskart b'dawn il-flus.

**3.8** ***Laqgħa mal-Hon.Mario De Marco (35/3426/09)***

3.8.1 Il-Kunsill ġie mitlub mill-Onor. Mario Demaco biex nhar l-Erbgħa 7 t'Ottubru issir laqgħa fl-Auberge d'Italie fi Triq Merkanti, biex jiġu diskussi problemi fl-industrija tat-Turiżmu.

3.8.2 Sar qbil li l-aġenda tal-laqgħa għandha tkun :

- Tisbieħ tax-Xatt.
- Attivitajiet organiżżati mill-bars u r-Restaurants tal-lokal.
- Restawr tal-Bajda w s-Sewda.

**3.9** ***Ħatra ta Skrivani Full-Time (35/3425/09)***

3.9.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet saret talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex japprova t-talba tal-Kunsill biex jiġu mpjegati żewġ skrivani oħra peress li fil-preżent hemm skrivani bil-*maternity leave* u oħrajn li jaħdmu bir-*reduced hours* skond kif inhu provdut fil-*collective agreement.*

3.9.2. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali aċċetta t-talba tagħna u l-proċess tal-ingaġġ għandu jsir skond l-avviż legali tal-1998, Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

3.9.3 Il-Kunsill approva l-impieg ta' dawn l-iskrivani skond kif deskritt mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**3.10** ***Restawr tal-Bajda u s-Sewda (35/3419/09)***

3.10.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministeru għall-Infrastruttura, t-Trasport u l-Komunikazzjoni infurmana li r-restawr tal-'Bajda u s-Sewda' ma taqax taħt ir-responsabilta' ta' dan il-Ministeru.

3.10.2 Għaldaqstant il-Kunsill approva li dan is-suġġett jiġi diskuss mal-Onor. Mario Demarco fil-laqgħa li se ssir fis-7 t'Ottubru 2009.

**3.11** ***Aerobics Flyer (35/3475/09)***

Il-Kunsill approva unanimament li jipprintja flyer bil-kulur biex tiġi promotjata l-attivita' tal-Aerobics li se ssir fid-Driftwood quddiem it-Torri ta' San Tumas. Il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri għandu jipprovdi l-artwork tal-flyer.

**3.12** ***Fondi mill-U.I.F.(35/3349/09)***

3.12.1 Il-Med Design issottomettew rapport dwar il-bankini u x-xogħolijiet li saru bil-għan li jittieħdu fondi mill-Urban Investment Fund u li ma ġewx approvati mill-MEPA. Huma elenkaw ir-raġunijiet varji għal kull proġett u s-suġġerimenti tax-xogħolijiet li jridu jsiru.

3.12.2 Il-Kunsill unanimament approva li ma jsirux l-aġġustamenti u ma jittiħdux il-fondi mill-U.I.F. bl-eċċezzjoni fejn hemm involut spostament tal-arbli tad-dawl.

**4.0** ***Xogħolijiet oħra***

4.1 **Weekend Break**

4.1.1 Is-Sindku ressaq proposta tas-Sur Joseph Salerno biex jiġi organiżżat Weekend Break mill-Kunsill. Hu qal li l-ġbir ta' flus se jkun kollox mill-Kunsill bħal meta tiġi organiżżata xi ħarġa għall-Għawdex.

4.1.2 Il-Kunsill approva unanimament li jara jekk il-Kunsillier is-Sur George Farrugia jaqbilx li jiġi organiżżat Weakend Break u fil-każ jikkuntatja lis-Sur Joseph Salerno, membru tas-Sotto Kumitat.

**4.2** ***Quddiesa għaż-żgħażagħ***

4.2.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsill approva li ssir quddiesa tal-għeluq tas-Sajf u bidu tal-iskola fis-sala tal-Kappilan.

4.2.2 Għal dan il-għan il-Kunsill approva biex jiġu printjati xi flyers biex jitqassmu lir-residenti tal-lokal.

4.2.3 Ġie approvat ukoll biex fl-aħħar tal-quddiesa jitqassmu xi ikel u xorb għal dawk li jattendu għall-quddiesa.

**4.3** ***Is-Sur Stephen Xuereb (Nexos)***

4.3.1 Il-Kunsill approva li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Stephen Xuereb għas-servizzi li ta' lill-Kunsill mad-ditta Nexos Lighting.

4.3.2 Il-Kunsillier, is-Sur John Baptist Camilleri għandu jipprovdi l-indirizz tiegħu personali peress li issa temm l-impieg tiegħu minn man-Nexos Lighting.

## 5.0 Ħlasijiet

### 5.1 Ħlasijiet b urġenza

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Laqgha ghall-Kunsilliera | | | 200.00 |
| 2. | **Department of Information** | Tender Advert | | | 9.32 |
| 3. | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | | | 30.00 |
| 4. | **Mr.N.Casha** | Emergency Refuse Collection | | | 330.40 |
| 5. | **Mr.A.Bartolo** | Emergency Refuse Collection | | | 330.40 |
| 6. | **Selves** | Petty Cash August | | | 210.08 |
| 7. | **Ms.Chantel Zammit** | Support Service Clerk | | | 936.70 |
| 8. | **Ms.Claire Attard** | Support Service Clerk | | | 543.00 |
| 9. | **Maltapost plc.** | Stamps | | | 95.00 |
| 10. | **R&A Waste Services Ltd.** | Emergency Refuse Collection | | | 4,810.00 |

Il-Kunsill approva unanimament

### 5.2 Ħlasijiet bi kreditu:

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Mr. Ronald Briffa** | Garage Rent from 1/09/09 – 28/02/10 | | | 912.50 |
| 2. | **PC Wizards** | Computer Repairs | 27/08/09 | 206 | 49.00 |
| 3. | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 31/08/09 | 287687 | 127.16 |
| 4. | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 26/08/09 | 287395 | 72.64 |
| 5. | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 9/09/09 | 288111 | 165.25 |
| 6. | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 14/9/09 | 288343 | 41.85 |
| 7. | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 14/9/09 | 288341 | 95.48 |
| 8. | **Stainless Strucures** | Repair of swing | 28/8/09 | 3 | 300.90 |
| 9. | **Stainless Structures** | Repair of swing | 16/7/09 | 86 | 236.00 |
| 10. | **Stainless Structures** | Xoghol ta' Hadid | 5/9/09 | 7 | 1386.50 |
| 11. | **Stainless Structures** | Xoghol ta' Hadid | 15/9/09 | 15 | 590.00 |
| 12. | **CVA** | Entering Valletta – JBC 444 | 01/11/08 | | 0.82 |
| 13. | **CVA** | Entering Valletta – JBC 444 | 01/07/09 | | 1.64 |
| 14. | **CVA** | Entering Valletta – HBD304 | 13/08/09 | | 5.82 |
| 15. | **Central Public Library** | Librarian | | August 09 | 69.88 |
| 16. | **Adrian Scibberas** | Accountancy | 28/08/09 | AS36-2009 | 345.92 |
| 17. ◆ | **Mr. Ronald Bezzina** | Work Extra | 30/07/09 | 24 | 1,348.80 |
| 18. ◆ | **Mr. Ronald Bezzina** | Grass Cutting in Urban Roads | 30/07/09 | 19 | 819.00 |
| 19. ◆ | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping and Grass Cutting | 30/07/09 | 19 | 3,577.53 |
| 20. | **Golden Gate** | Stationary | 20/08/09 | 29935 | 6.18 |
| 21. | **Golden Gate** | Stationary | 20/08/09 | 331732 | 18.14 |
| 22. | **Mr John. B Camilleri** | Fuel Expenses | | July 09 | 43.12 |
| 23. | **Mr John. B Camilleri** | Fuel Expenses | | June 09 | 9.52 |
| 24. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs | 29/07/09 | 11547 | 38.14 |

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 25. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 05/08/09 | 11571 | 47.31 |
| 26. | **Karmig Ltd.** | Pavement Works | 21/08/09 | | 2,534.22 |
| 27. | **Med Design Ass.** | Professional Fees | 21/08/09 | 30002786 | 78.70 |
| 28. | **Med Design Ass.** | Professional Fees | 11/9/09 | 25100.01.01 | 85.00 |
| 29. | **Graphics Bazaar** | Local Newspaper | 14/9/09 | 59805 | 173.22 |
| 30. | **Midas** | Telecards | 10/9/09 | 482300 | 250.00 |
| 31. | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting ***(MW)*** | 11/9/09 | 2008471 | 2421.36 |
| 32. | **General Ecological Serv.** | Cleaning of Water Culverts | 7/9/09 | 0180 | 1979.97 |
| 33. | **Mario Calleja** | Fuel Expenses | | July, Aug, Sept. | 131.04 |
| 34. | **Kumitat Kongunt** | Wardens Service | 10/9/09 | JC 005-MSA | 4,530.67 |
| 35. | **Sarha Munro** | Cleaning of Premises ***(MW)*** | 28/8/09 | | 15.00 |
| 36. | **Hempel Malta Ltd.** | Paint | 9/09/09 | 152133-1 | 410.64 |
| 37. | **Ms.Carmen Fearne** | Expenses for activities ***(MW)*** | | | 102.94 |
| 38. | **Frame Up** | frame | 28/8/09 | 816781 | 25.52 |
| 39. | **Ms.Cecelia Pace** | Attivita f'Jum Marsaskala ***(MW)*** | | | 132.00 |
| 40. | **Garden of Eden** | Trip (Gozo Outing) | 6/9/09 | J109 | 206.50 |
| 41. | **Mr.Kalcidon Vella** | Ghana Session ***(MW)*** | 10/9/09 | | 116.00 |
| 42. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 17/8/09 | 11316 | 162.66 |
| 43. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 26/8/09 | 11323 | 58.50 |
| 44. | **Golden Gate Co.Ltd.** | Stationery | 25/8/09 | 331997 | 11.54 |
| 45. | **Golden Gate Co.Ltd.** | Stationery | 7/9/09 | 332801 | 85.43 |
| 46. | **Saviour Tanti** | Ghanneja ***(MW)*** | 6/9/09 | | 175.00 |
| 47. | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 7/9/09 | | 498.05 |
| 48. | **Image Systems Ltd.** | Photocopier rent | 31/7/09 | Rent/033941 | 78.99 |
| 49. | **Go plc.** | 21637744 | 3/9/09 | 22468177 | 21.33 |
| 50. | **Go plc.** | 21632861/21633887/ 21637171 | 3/9/09 | 22468175 | 172.13 |
| 51. | **Mobisle Comm. Ltd.** | Mobile Charges | 28/8/09 | RB 272004-2009 | 569.06 |
| 52. | **S&R (Handaq) Ltd.** | Yellow Rd. line paint | 10/8/09 | 13904 | 82.36 |
| 53. | **Water Services Corp.** | Council Premises Electricity bill | 28/8/09 | 11204031-7 | 1363.70 |
| 54. | **Cleansing Serv. Dept.** | Public Convenience | 1/9/09 | MLC/09/80398 | 655.15 |
| 55. | **Standard Publications** | Advert | 16/8/09 | 68095 | 46.26 |
| 56. | **Vodafone** | ADSL Internet | 1/09/09 | 1684023092009 | 23.97 |
| 57. | **Mr.S.Vella** | Hiring of Chairs (MW) | 12/9/09 | 282542 | 575.00 |
| 58. | **Anglu Grech** | Bricks | 15/9/09 | 1991 | 29.50 |
| 59. | **Anglu Grech** | Bricks | 16/9/09 | 1995 | 20.06 |
| 60. | **Anglu Grech** | Bricks | 22/9/09 | 4009 | 24.92 |
| 61. | **Anglu Grech** | Bricks | 18/9/09 | 4007 | 20.76 |
| 62. | **Anglu Grech** | Bricks | 17/9/09 | 4002 | 20.76 |
| 63. | **Anglu Grech** | Bricks | 23/09/09 | 4014 | 24.92 |
| 64. | **Driftwood Cafe** | Food | 3/9/09 | 30831 | 195.00 |
| 65. | **The Acc. Cleansing Services Dept.** | Public Conveniences August | 16/9/09 | 2009398 | 395.30 |
| 66. ◆ | **Ronald Bezzina** | Parks & Gardens | 30/7/09 | 34 | 919.73 |
| 67. ◆ | **Ronald Bezzina** | Street Sweeping | 30/7/09 | 25 | 1,113.80 |
| 68. ◆ | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse | 30/8/09 | 34 | 1,180.15 |
| 69. | **Charlo Grixti** | Security (MW) | 6/9/09 | | 52.50 |
| 70. | **IT&T** | ADSL | 16/09/09 | 16919 | 27.48 |
| 71. | **Joseph P.Pavia** | Photos Marsaskala Week (MW) | 7/9/09 | | 140.00 |
| 72. | **Mr.Ryan Portelli** | Distribution of leaflets | 16/9/09 | | 30.00 |
| 73. | **Police Department** | Service (MW) | | 25280 | 150.07 |
| 74. | **Media Centre Ltd.** | Tender Adverts | 14/9/09 | S-3574 | 93.46 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 75. | **Ms.Louise Salerno** | Attivita Gimgha Marsaskala (MW) | 15/9/09 | | 18.00 |
| 76. | **AG's Productions** | Hiring P.A.System (MW) | 15/9/09 | 58209 | 165.20 |
| 77. | **Joseph Barbara** | Steamer fixed gnien Sant'Anna (MW) | | | 42.28 |
| 78. | **Alfred Debono** | Marsaskala week expenses (MW) | 22/9/09 | | 59.77 |
| 79. | **Advanced Telecomm. Systems Co. Ltd** | Photocopier toner | 23/9/09 | 40559 | 319.99 |
| 80. | **Allied Newspaper** | Tenders Advert | 16/9/09 | AS 1353906 | 253.46 |
| 81. | **Med Design Associates** | Professional fees | 23/9/09 | 30002884 | 347.36 |
| 28. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 23/9/09 | 30002882 | 67.47 |
| 83. | **Karmig Ltd.** | Footpaths | 23/9/09 | 25100-001-23 | 2,172.75 |
| 84. | **Karmig Ltd.** | Footpaths | 23/9/09 | 2510009 | 11,186.32 |
| 85. | **Anglu Grech** | Bricks | 24/9/09 | 4023 | 24.92 |
| 86. | **Anglu Grech** | Bricks | 24/9/09 | 4022 | 24.92 |

5.2.2 Il-Kunsill approva li nħallsu € 1000 lin-Nexos Lighting bħala pagament in parti, peress li l-Kunsillier, is-Sur John B.Camilleri kien imsiefer u ma setax jiċċertifika l-kont tagħhom.

5.2.3 Il-Kunsill approva unanimament il-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq.

➢ ***Il-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt ħareġ fl-10.45pm.***

## 6.0 ***Mozzjonijiet***

### 6.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett (#045- 03/08/09):**

*"Jipproponi sabiex l-bins kollha tal-plastic li għandna fil-ġonna u fil-playing grounds jinbidlu u minflok dawk preżenti jitwaħħlu bins tal-injam kif muri fl-istampa mehmuża, li huma aktar puliti u jagħtu dehra aktar nadifa. Għandhom ukoll jitwaħħlu bins simili fil-bidu ta' Triq is-Salini u anki fi Triq iż-Żonqor."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

### 6.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#51 – 14/08/09):**

*"Jipproponi sabiex fejn is-sub station fi Triq ir-Rignu k/m Triq is-Salvja isiru d-double yellow lines."*

Il-Kunsill approva unanimament.

### 6.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#62 – 18/07/09):**

*"Tipproponi li l-bankina ta' ħdejn l-Awwista ssir."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#63 – 18/07/09):**

*"Tipproponi li titkompla t-triq fis-sqaq Sant'Anna."*

Il-Kunsill approva unanimament u nitolbu għall-fondi mill-U.I.F.

6.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#64 – 18/07/09):**

*"Tipproponi li jerġa` jinbena ċ-ċint tat-taraġ li jgħati għall-baħar li hemm bejn il-bandli taż-Żonqor u t-triq li tgħati għaż-Żonqor u li waqa` bil-maltemp."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#65 - 18/07/09):**

*"Tipproponi li jinbidlu l-bandieri li huma mqattgħin jew maħmuġin."*

Il-Kunsill approva unanimament.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawence Ciantar ħareġ fil-10:55pm.***

6.7 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#66– 19/08/09):**

*" Jipproponi li niktbu lil Mepa sabiex jiħdu passi u jinbena ċint baxx madwar għalqa bejn toroq Ġemmugħa, Salvu Buhaġiar u Triq il-Qrempuċ."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.8 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#67– 19/08/09):**

*"Jipproponi sabiex il-fanali ta' quddiem block bini bejn Triq l-Għawwima u il-bandli taż-Żonqor ikunu kkonnetjati mal-linja tal-Kunsill u jinxtgħelu tul il-lejl bħall-kumplament tad-dawl kollu ġol-lokal."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.9 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#68– 20/08/09):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq ix-Xatt nagħmlu riflettur ieħor biex b'hekk ikolna t-triq kollha mdawla".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.10 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#69– 24/08/09):**

*"Jipproponi sabiex dawl adekwat fit-taraġ ta' ħdejn Ic-Chapters fil-Bandli Mifsud Bonnici. Dan għandu jsir għal żewġ raġunijiet, l-ewwel biex jitnaqqas il-periklu u kull abbuż".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.11 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#70 – 24/08/09):**

*"Jipproponi sabiex l-iskips tas-seperation li tpoġġew fuq il-promenade u dak tad-daħla tal-Ġnien Sant'Anna jinstabilhom post ieħor għax qed ikunu t'inkonvenjent għar-nies f'postijiet daqshekk frekwentati".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.12 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#71 – 24/08/09):**

*"Jipproponi sabiex issir stop sign ma' l-art ħdejn id-dar il-ħamra fi Triq iż-Żonqor."*

EMENDA :" *Jipproponi sabiex issir stop sign ma' l-art ħdejn id-dar il-ħamra fi Triq iż-Żonqor u titpoġġa mera biex jaraw it-traffic lights."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata kif emendata

6.13 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (# 73 – 26/08/09):**

*"Irrizulta li ħaddiem minn tal-IPSL Joseph Fava qieghed jigi mqabbad jagħmel xogħol li fl-opinjoni tiegħi imur lura snin twal. Dan qed jiġi mġiegħel jaqta` ħaxix mit-toroq permezz ta' sikkina tal-ikel. F`dawn iż-żminijiet żgur li dan mhux accettabli. Fid- dawl ta` dan nipproponi sabiex jinxtara grass cutter li jkun jista` jintuża mill-istess Joseph Fava. B`hekk il-Kunsill jista` wkoll ma` joħroġx it tender tal-qtugħ tal-ħaxix."*

Il-Kunsill approva li tinxtara grass cutter sakemm ma' taħdimx dik preżenti.

6.14 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (# 74 – 26/08/09):**

*"Jipproponi sabiex ċekkijiet ta` kuntratturi li jitħallsu kull xahar b`rata fissa, jinħarġilhom iċ-ċekk mall-pagi tas-Segretarju, skrivani u l-Onorarja tiegħi. Wieħed jifhem li dawn il-kuntratturi jkollhom il-pagi tal-ħaddiema xi jħallsu. Mhux qed nirreferi għall-kuntrattur tal-bankini u fejn wieħed irid jitħallas wara li jiġi mkejjel ix-xogħol mill-Perit tal-Kunsill. Ngħid ukoll li iċ-ċekk tar-rati fissi tal-kuntratti joħorġu hekk kif il-kunsillier responsabbli jivverifika ix-xogħol li jkun sar kollu u tajjeb skond il-kuntratt."*

Il-Kunsill approva li niktbu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

6.15 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#75 – 27/08/09):**

*"Jipproponi sabiex jinbidlu l-bankijiet tal-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici, peress illi qed jidħlu ħafna lmenti li apparti li l-bankijiet huma skomdi ħafna, qed ikunu ta' periklu għat-tfal iż-żgħar għax mhux l-ewwel darba li jdaħħlu saqajhom bejn it-twavel ta' l-istess bank".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.16 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#76 – 27/08/09):**

*"Jipproponi sabiex ir-railing li hemm madwar il-ġnien ġewwa l-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici jiġi estiż l'fuq peress li jkun hemm ħafna tfal illi qed jidlu fl-istess ġnien u apparti li ssir ħerba fil-ġnien wieħed qed jistiden li jinħoloq xi inċident serju peress li jgaraw l-affarijiet fosthom ġebel u anke flixken għal ġot-triq".*

Rigward din il-mozzjoni l-Kunsill qabel fil-prinċipju.

6.17 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja(# 77 – 27/08/09):**

*"Jipproponi sabiex l-erba konok li hemm fil-parkeġġ tal-fajtata jiġu żarmati, jinqgħalu z-zkuk imħollija mill-palm li inqgħta u jerġgħu jammontaw ruħhom kif kienu, biex b'hekk wieħed jkun jista` jerġa jħawwel xi siġar fihom".*

Il-Kunsill approva unanimament li tingħata lill-Karmig Ltd.

6.18 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#78 – 31/08/09):**

*"Jipproponi sabiex ngħidu lill-Kuntrattur tad-dawl biex jara x'hemm bżonn biex ma nibqgħux li malli tagħmel ix-xita jinqata` d-dawl kollu ta' Ġnien Sant'Anna u jinxtgħel ġranet wara. Issa li ġejja x-Xitwa ma jiġrix bħas-sena l-oħra u jkun hemm dlam ċappa f'dawn l-inħawi ".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.19 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#79 – 1/09/09):**

"*Jipproponi sabiex jinxtraw siġġijiet tal-injam simili ta` dawk li nikru għall-attivitajiet li jkollna biex b`hekk meta jkollna attivita` ma` noqgħodux nikru siġġijiet. Jinġiebu kwotazzjonijiet għal aħjar materjal u prezz".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.20 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#80 – 2/09/09):**

*"Tipproponi sabiex li jsir ħlas ta' 50 euro għall-kull 10 lezzjonijiet, ta' sagħtejn kull waħda, kull meta jsiru korsijiet organizzati fil-Kunsill".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

6.21 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#81 – 2/09/09):**

*"Tipproponi sabiex l-librerija tinfetaħ darb'oħra fil-ġimgħa iġifieri kull nhar ta' Tlieta bejn is-2.00p.m u l-5.00p.m".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.22 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#82 – 2/09/09):**

*"Tipproponi sabiex minn Ottubru jsiru lezzjonijiet tat-tpinġija, flower arrangement u bizzilla. Dan isiru kull nhar Ħamis filghodu meta s-sala tkun għad-dispozzjoni ta' l-iskola".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.23 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#83 – 3/09/09):**

*"Jipproponi sabiex isiru parking bases fi Triq l-Iskal, Marsaskala."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.24 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#84 – 9/09/09):**

*"Jipproponi sabiex l-aħħar parti ta' l-isqaq ta' ħdejn il-Kappella ta' San Gaetano issir one way".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.25 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#85- 9/09/09):**

*"Jipproponi sabiex titkompla l-bankina ta' ħdejn Ocean Reef minħabba li qeda perikoluża u iżjed minn hekk dalwaqt jaslu l-grupp tal-ġemellaġġ minn Lyon ser jakkomodaw ruhom fl-istess lukanda".*

Il-Kunsill approva unanimament .

6.26 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#86 – 15/09/09):**

"*Jipproponi sabiex jinxtraw 100 bin u jitpoġġew mad-dawra tal-promenade minn fejn il-pixxina sa fejn l-ex Jerma. Dawn jinxtraw mill-fondi li għaddilna l-Gvern Ċentrali taħt l-iskema Lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali peress illi l-flus li ġew mgħotija lilna għandhom jintużaw sa Diċembru li ġej ".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.27 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#87 – 17/09/09):**

*"Jipproponi sabiex isiru parking bases fi Triq il-Miġbħa ".*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.28 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku –is-Sur Charlot Mifsud (#88 – 17/09/09):**

*"Jipproponi sabiex issir mera fi Triq Wied iz-Ziju (ħdejn ta' Grima)"*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.29 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Daniel Spiteri (#89 – 18/09/09):**

"*Jipproponi sabiex issir railing mat-tarag illi jaghti mill-parking tal-knisja sa quddiem il-bieb ta' l-iskola għax meta jkun imxarrab dan it-taraġ ikun jiżloqq ħafna u fi żmien l-iskola jintuża minn ħafna ġenituri u nanniet illi jmorru jiġbru lit-tfal ta' l-iskola.*"

Il-Kunsill approva unanimament li tingħata lill-Karmig Ltd.

6.30 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#90 – 23/09/09):</u>**

*“Peress illi djieqet it-triq fi Triq ta l-Gardiel u ġie relokat il-bus stop faċċata ta’ Triq ta’ Gidwet, jipproponi sabiex b’urġenza isiru 3 barriers fi Triq ta’ Gidwet k/m Triq tal-Gardiel biex ikunu ta’ lqugħ għal xi vetturi li jkunu ġejjien min-naħa ta’ San Tumas u wieħed jevita xi inċident ”.*

Il-Kunsill approva unanimament li tingħata lill-Karmig Ltd.

***Fil-11.45pm., il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u ġiet aġġornata għall-15 t’Ottubru 2009, fis-6.00pm.***

| | |
|---|---|
| ***Joseph Caruana*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **4** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 24 ta' Awissu 2009 fit-7.00p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri |
| | Is-Sinjura Carmen Fearne |
| | Is-Sur Lawrence Ciantar |
| | Is-Sur George Farrugia |
| | Is-Sur Jesmond Mugliett |
| | Is-Sur Daniel Spiteri |
| | Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |

## Aġenda

1. **Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.**
2. **Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.**
3. **Accounts għal 3 xhur li jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2009.**
4. **Mistoqsijiet.**
5. **Approvazzjoni ta' ħruġ ta' Tenders.**
6. **Ħatra ta' Sotto Kumitati.**
7. **Mozzjonijiet.**
8. **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.**
9. **Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.**
10. **Aġġornament**

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

**1.0** *Qari u approvazzjoni tal-Minuti:*

1.1 **Laqgħa Nru. 3 tal-4 ta' Awissu, 2009:**

1.1.1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Ġie indikat li t-tabella ta' Triq is-Sallur, biex tikser fuq ix-xellug, għandha tiġi rranġata biex tkun konformi u l-ħin għandu jkun mis-7.00 pm. sas-7.00 am fil-weekends biss.

1.1.3 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Joe Borg, ic-Chief Executive tal-wardens fejn is-Sindku qallu li mhux ħaġa li qed inħallsu għall-preżenza tal-wardens pajżana u fl-istess ħin mhux qed issir ċitazzjoni waħda. Għaldaqstant din is-sorveljanza ġiet sospiża temporanjament sakemm issir laqgħa oħra mas-Sur Joe Borg.

➢ Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka li hu tal-fehma li l-wardens għandhom ikunu bl-uniformi mhux pajżana.

1.1.4 Il-Kunsill approva unanimament li t-tielet paragrafu ta' para. 4.1, intitolat skola primarja, jiġi ingassat kompletament.

1.1.5 Rigward para 4.3, is-Sindku rrimarka li ż-żjara fis-Slovakja kienet tajba ħafna u se jgħaddi r-rapport dwar iż-żjara fi żmien qasir.

1.1.6 Il-Viċi Sindku, s-Sur Charlot Mifsud nforma l-Kunsill li l-ħarġa għall-Għawdex saret kif kienet ippjanata.

1.1.7 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri ħareġ fis-7.45 p.m.***

***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti***.

**2.0** *Mistoqsijiet*

**Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#001- 18/08/09):**

*"Jistaqsi, jekk jiġri xi nċident f'xi waħda mill-playing fields tal-lokal minn hu responsabbli għal konsegwenzi? Il-Kunsill għandu f'idejh dokument li jiċertifika l-park?"*

***Risposta :-*** Il-Kunsill hu assigurat għal xi inċidenti li jistgħu jinqalu u qabel ma saret l-assigurazzjoni nkariganjna surveyor biex jagħmel rapport fuq is-sigurta tal-bandli. Ir-rapport ġie mgħoddi lill-assigurazzjoni u wara ħarġu l-polza tas-sigurta.

**Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#002- 18/08/09):**

*"Jistaqsi, jekk il-Kunsill Lokali ġiex ikkonsultat dwar il-proġett ta' caravan site fil-lokalita` ta' Marsaskala (PA 00707/09)?".*

***Risposta :-*** Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ġie ikkonsultat dwar il-proġett ta' *caravan site* fil-lokalita.

- ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti.***

**3.0** ***<u>Mozzjonijiet</u>***

**<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Jesmond Mugliett(#041-29/07/09):</u>**

*"Jipproponi li l-Kunsilliera kollha jingħataw lista bl-affarijiet pendenti li l-Kunsill għandu mal-ADT, bħal per eżempju parking bases, sinjali tat-traffiku u affarijiet oħra pendenti. Kif ukoll, li ningħataw lista ta' affarijiet li għandna pending mall-MEPA, bħal bini ta' ħitan, u jekk għandna xi affarijiet pendenti ma' Dipartimenti u entitajiet oħrajn. B'hekk, speċjalment il-Kunsilliera l-ġodda, jkunu jafu bix-xogħol li hemm pendenti.*

Il-Kunsill approva unanimament u l-Kunsill iddeċieda li xi rikjesti żagħar jsiru jekk l-ADT jibqgħu ma jtuniex risposta.

**3.1** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#042- 30/07/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex fejn ser issir il-lejla aggrarja fi Ġnien Sant' Anna fl-okkażjoni ta` Ġimgħa Kulturali inkonnessjoni mal-attivitajiet ta` Jum Marsaskala, jingħata`* ***white washing*** *minn fejn il-kamra tal-klabb tal-boċċi sa fejn it-taraġ li jatgħi fi Triq Dun Frans Bianco, faċċata tal-bieb prinċipali tal-Knisja".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax ix-xogħol lest.

**3.2** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#043- 30/07/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jingħaddu l-bus shelters fil-lokal u jinxtraw tip ta' paper bins għalihom biex jitpoġġew ħdejhom għall-użu tal-passiġieri".*

Ġie approvat unanimament li jitwaħħal bin mal-10 *bus shelters*. Il-Kunsilliera, is-Sur Jesmond Mugliett u s-Sinjura Carmen Fearne huma nkarigati.

**3.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett(#044- 30/07/09):</u>**

*"Jipproponi li tintbgħat ittra f'kull residenza f'Marsaskala fejn ninfurmaw lir-residenti bil-ħinijiet li fihom ħa jkun qed isir il-ġbir ta' skart domestiku bieb bieb. Nipproponi li l-ħin tal-ġbir ikun mit-Tnejn sal-Ġimgħa inklużi festi pubbliċi bejn 7am u 11am u s-Sibt bejn 8am u 12pm. L-iskart għandu jinħareġ mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7am u s-Sibt fit-8am u mhux aktar kmieni minn siegħa qabel. Fl-ittra għandna nitolbu għall-kooperazzjoni tar-residenti biex iżommu ma' dawn il-ħinijiet u ma jinħareġ l-ebda skart wara l-ħinijiet imsemmija u ma jsir l-ebda rimi ta' skart fejn skips, bins jew f'postijiet oħra."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**3.4** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku –is-Sur Charlot Mifsud(#047- 11/07/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex wieħed mill-parking bases ta' quddiem il-Bank of Valleta fi Pjazza Dun Tarċis Aguis jsir għal persuni bi bżonnijiet speċjali għall waqt il-ftuħ tal-bank."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.5** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –s-Sur Mario Calleja(#048- 12/08/09):**

*"Nipproponi sabiex issir inspection box tad-drenaġġ quddiem garaxx li jgħamel parti mill-klinika ta' Dr.Teebi, li tinsab fi Triq Sant'Anna. Qiegħed ngħid dan għaliex meta saret l-bankina snin ilu din l-inspection box intradmet u qatt ma reġgħet saret u b'hekk dan l-istess garaxx qiegħed mingħajr faċilitajiet sanitarji."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.6** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Daniel Spiteri(#049- 13/08/09):**

*"Jipproponi sabiex jitiegħdu mirja tat-traffiku fil-kantunieri ta' Triq il-Miklem Malti ma' Triq in-Nadur, Triq il-Kavallieri ma' Triq in-Nadur, Triq il-Granmastri ma Triq in-Nadur, u f'tarf Triq in-Nadur kantuniera ma' Triq il-Gardiel."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.7** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Daniel Spiteri (#050- 13/08/09):**

*"Jipproponi sabiex biex tissewwa kanna ta' l-ilma fi Triq Patri Wistin Born li ilha minn Lulju b'l-ilma ħiereġ minnha. Din il-kanna diġa ġew darb'oħra tal-Water Services biex jirranġawha, u r-residenti għamlu nofs ta' nhar bla ilma."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax ix-xogħol diġa sar.

**3.8** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#052- 14/08/09):**

*"Jipproponi sabiex issir bankina fi Triq ir-Rand tmiss mal-ġibjun."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.9** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#053- 14/08/09):**

"*Jipproponi sabiex issir tiswija ta' ħajt fi Triq Żonqor li jgħati għall-baħar*."

Ġie approvat li niktbu lil *Works Department.*

**3.10** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#054- 17/08/09):**

*"Jipproponi sabiex kuntrattur ma jkollux aktar min kuntratt wieħed fl-istess perjodu."*

*Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni:*

| | FAVUR | KONTRA |
|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | √ | |
| Il-Kunsillier Charlot Mifsud | | √ |
| Il-Kunsillier Carmen Fearne | √ | |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | √ | |
| Il-Kunsillier George Farrugia | √ | |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri | √ | |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | Mhux preżenti | |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | √ | |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett | √ | |

Il-mozzjoni għaddiet b'7 favur u 1 kontra

**3.11 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#055- 17/08/09):**

*"Jipproponi sabiex isiru cctv control cameras waħda fi ġnien Sant'Anna oħra lejn Triq ix-Xatt (summer nights) , oħra Pjazza Dun Tarċis Agius (ħdejn Tiffany's) sabiex fejn nistgħu nnaqsu kull abbu□fil-lokalita` tagħna."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

- ***Il-Kunsill approva unanimament li r-rock concert fil-ponta ta' Zonqor jiġi kkanċellat għax m'hemmx pubbliċita bi□ejjed.***

**3.12 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#056- 17/08/09):**

*"Jipproponi li bħala Kunsill Lokali inkellmu lil kuntrattur tal-Parks and Gardens u Soft Areas għaliex mhux qed jimxi skond il-kuntratt li kien iffirma mal-Kunsill."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.13 Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku –s-Sur Charlot Mifsud(#057- 14/08/09):**

*"Jipproponi sabiex jitqassru l-yellow lines tal-kantuinieri u jsiru parking bases kull naħa fi Triq il-Gross k/m Triq Habberxa u k/m Triq il-Friefet, u fejn it-triq ma tinfidx, jiġifieri Triq il-Gross k/m Triq il-Friefet ma jsirux yellow lines ħalli jkunu jistgħu jipparkjaw."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.14 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#058- 17/08/09):**

*"Jipproponi sabiex isiru uniformijiet kemm tas-sajf kif ukoll tax-xitwa lill-ħaddiema tal-IPSL."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.15 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#059- 18/08/09):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu tabelli ħalli tfal taħt l-eta` jattendu fil-playing field ma' persuna adulta (fejn m'hemmx tabella)".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.16 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#060- 18/08/09):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal tabella bl-isem Triq ir-Riġnu (taċ-ċaqquf) kif hemm f'toroq oħra".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**3.17 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar(#061- 18/08/09):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-applikazzjoni mal-MEPA PA 00707/09 dwar caravan site fi Triq il-Blajjiet".*

Ġie approvat li nitolbu appuntament mal-*Works Division* dwar il-Caravan Site.

**4.0 Approvazzjoni tal-Accounts għat-tlett xhur li jgħalqu fit-30 ta' Ġunju 2009**

4.1 Il-Kunsill approva unanimament biex nistiednu n-nies li attendew għall-Laqgħa Pubblika biex jattendu għall-laqgħa oħra li ssir fil-Kunsill biex issir kjarifika fuq l-accounts tal-Kunsill li waqt il-laqgħa kellhom xi misprint.

4.2 Is-Sur Adrian Sciberras ġie mitlub jispjega l-kontijiet għat-tlett xhur li jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2009. Huwa spjega l-kontijiet kollha u rrisponda għall-mistoqsijiet li sarulu.

4.3 Il-Kunsillier Lawrence Ciantar talab li l-accounts għandhom ikunu aktar dettaljati. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li jiġu preżentati l-accounts kif jiġu preżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

➢ *Intalbu sospensjoni tar-regolamenti*

**5.0** ***Kwotazzjoni għat-tindif tal-Culverts***

Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' kuntratturi li sottomettew kwotazzjonijiet għat-tindif tal-*Culverts* tal-lokal.

Dawn kienu:

1. **General Ecological Services** **€ 1,979.97**
2. **Cleansing Services Department** **€ 5,451.60**
3. **Philip Seguna** **€ 4,495.00**

Il-Kunsill unanimament approva li jintgħażel il-**General Ecological Services** għax għandu l-aktar offerta vantaġġuża.

➢ *Intalbu sospensjoni tar-regolamenti*

**6.0** ***Ħlasijiet***

6.1 ***Ħlasijiet b'urġenza***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | | | 30.00 |
| 2. | **Maltapost plc.** | Stamps | | | 95.00 |
| 3. | **Foundation Gal Xlokk** | Partecipation Fee | | | 100.00 |
| 4. | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Laqgha ghall-Kunsilliera | | | 200.00 |

Il-Kunsill approva unanimament

6.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Grezzju Azzopardi** | Florist | 28/7/09 | 5989 | 60.00 |
| 2. | **Grezzju Azzopardi** | Florist | 18/5/09 | 5963 | 45.00 |
| 3. | **Midas** | Mobile Cards | 10/8/09 | 2924950 | 200.00 |
| 4. | **Midas** | Mobile Cards | 18/08/09 | 2924948 | 125.00 |
| 5. | **Midas** | Mobile Cards | 19/08/09 | 482295 | 50.00 |
| 6. | **Anglu Grech** | Bricks, Cement, High up | 3/8/09 | 1854 | 352.34 |
| 7. | **Seashells** | Lunch on 18/08/09 | 18/08/09 | 4726195 | 540.00 |
| 8. | **Di Rocco Ltd** | Grey Crates | 17/08/09 | 45690 | 151.50 |
| 9. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 11/08/09 | 11313 | 153.82 |
| 10. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 14/07/09 | 11304 | 137.15 |
| 11. | **Garden of Eden** | Transport | 31/07/09 | 02,108 | 103.84 |
| 12. | **Garden of Eden** | Transport 18/08/09 | 19/08/09 | 44 | 151.04 |
| 13. | **Kumitat Kunsilli Lokali** | Local Wardens | 06/08/09 | JC-004/MSA | 4,805.53 |
| 14. | **Union Print** | Advert | 31/07/09 | AI000885 | 82.69 |
| 15. | **Alka Ceramics** | Street Plates | 06/08/09 | 416 | 288.69 |
| 16. | **Med Design** | Professional Fee | 06/08/09 | 30002731 | 74.95 |
| 17. | **Anton Zarb** | Benches | 10/08/09 | AZ 108-09 | 967.60 |
| 18. | **Accountant, Cleansing Services Department** | Public Convenience | 4/08/09 | MLC/09/70345 | 655.15 |
| 19. | **Accountant, Cleansing Services Department** | Public Convenience – Extra Service | 6/08/09 | ES/09/2009345 | 389.40 |
| 20. | **Go** | Telephone Bill 21637744 | 05/08/09 | 22352105 | 1.88 |
| 21. | **Go** | Telephone Bill 21632861-21633887-21637171 | 05/08/09 | 22352103 | 193.07 |
| 22. | **Advanced Telecommunications** | UPS | 06/08/09 | 40351 | 53.10 |
| 23. | **Veritas Press** | 200 Brouchers 'Lejla Muziko Letterarja' | 22/05/09 | 17356 | 505.05 |
| 24. | **Data Protection Commissioner** | Annual Fee – Data Protection Act | 3/07/09 | 2374 | 23.29 |
| 25. | **Allied Newspapers** | Advert | 12/7/09 | AS134946 | 150.16 |
| 26. | **Water Services Corp** | Playing Field – Misrah Mifsud Bonnici | 23/07/09 | 11131983-6 | 528.07 |
| 27. | **Water Services Corp** | Public Toilet – Zonqor Point | 23/07/09 | 11131257-5 | 183.94 |
| 28. | **Water Services Corp** | Public Garden – Triq is-Salvja | 23/07/09 | 11132038-2 | 113.78 |
| 29. | **Water Services Corp** | Public Garden – Triq is-Salvja | 23/07/09 | 11132037-4 | 61.25 |
| 30. | **Water Services Corp** | Fountain Water Pump | 23/07/09 | 11132082-9 | 421.33 |
| 31. | **WasteServ Malta Ltd** | Hiring of Bins | 14/08/09 | 52668 | 296.59 |
| 32. | **IT & T Ltd** | ADSL | 18/08/09 | 16850 | 27.48 |
| 33. | **Melita Cable** | Cable TV | 31/07/09 | 27326903 | 15.52 |
| 34. ◆ | **Nexos Lighting** | Street Lighting | 17/08/09 | 2008463 | 323.01 |
| 35. | **Vodafone Malta Ltd.** | Internet Service | 01/08/09 | 165244082009 | 23.97 |
| 36. | **BT Commercial Ltd.** | Air Conditioners | 12/08/09 | 27644 | 900.00 |
| 37. | **Media Link** | Advert | 31/07/09 | 041941 | 203.91 |
| 38. | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse | 30/09/07 | 33 | 1,368.05 |
| 39. | **Golden Gate** | Stationery | 18/08/09 | 331576 | 85.43 |
| 40. | **Golden Gate** | Stationery | 13/08/09 | 331511 | 37.04 |
| 41. | **Mr.Charlot Mifsud** | Fuel Expenses | | | 29.12 |

Il-Kunsill approva unanimament il-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq.

**7.0** **<u>Aġġornament</u>**

*Fl-10.00 pm. il-laqgħa ġiet aġġornata biex titkompla nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru 2009, fis-7.00pm.*

______________________

***Joseph Caruana***
Segretarju Eżekuttiv

______________________

***Mario Calleja***
Sindku